# Awtorità tad-Djar

*Rapport tas-sena 2009*
*Estimi ghas-sena 2010*



Awtorita' Tad-Djar ◆ Housing Authority

# Awtorità tad-Djar
# Rapport tas-sena 2009

## Estimi għall–perijodu 1 ta' Jannar 2010 sa 31 ta' Diċembru 2010



## Werrej


1. Rapport taċ-Chairman ........................................ 2
2. L-Isfidi tal-Awtorità ........................................ 4
3. Ġabra fil-Qosor ........................................ 5
4. Komunikazzjoni mal-Pubbliku ........................................ 7
5. Skemi u Inizjattivi ........................................ 8
6. Żvilupp ........................................ 18
7. Riċerka u Relazzjonijiet Ewropej ........................................ 21
8. Board Members' Report & Financial Statements ........................................ 24
9. Estimi għall-perijodu 1 ta'Jannar 2010 sa 31 ta' Diċembru 2010 ........................................ 40



## Il-Missjoni Tagħna:

*'Djar Xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna'*

# Rapport taċ-Chairman

Għandi pjaċir nippreżenta r-rapport annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena li għalqet f'Diċembru 2009.

(i) Homeownership

Matul dan il-perijodu, l-Awtorità tad-Djar għamlet analiżi sabiex tidentifika skemi li jistgħu jgħinu aħjar lil dawk li jixtiequ jsiru sidien ta' darhom. B'dawn l-inizjattivi l-Awtorità qed tindirizza l-bżonnijiet soċjali ta' dawk l-iktar vulnerabbli fis-soċjeta' tagħna u lil pubbliku in ġenerali.

Fil-bidu ta' din is-sena, l-Awtorità ħarġet numru ta' appartamenti għall-bejgħ bi prezz issussidjat. Dawn jikkonsistu f'appartamenti b'kamra tas-sodda waħda, b'żewġt ikmamar tas-sodda u appartamenti bi tliet kmamar tas-sodda; l-appartamenti kienu mifruxa f'lokalitajiet differenti. L-Awtorità rċeviet 129 applikazzjoni li minnhom 117 kienu validi u 105 ġew approvati. Matul is-sena l-Awtorità daħlet f'152 kuntratti ta' bejgħ.

(ii) Provvista ta' Housing Soċjali

Matul din is-sena l-Awtorità kompliet taħdem fuq l-istrateġija biex tipprovdi akkomodazzjoni soċjali sabiex tilħaq id-domanda li dejjem qed tiżdied f'dan il-qasam. Huwa għalhekk li l-Awtorità ffukat fuq it-tisħiħ tal-iskemi li toffri biex tiżgura li dawk li huma verament fil-bżonn jingħataw housing li jaqdi l-ħtiġijiet tagħhom u fl-istess ħin naraw li l-iskemi jibqgħu finanzjarjament sostenibbli. Huwa tajjeb li nsemmi li l-iskemi tal-Awtorità jibqgħu popolari mal-pubbliku u dan jurih in-numru ta' applikazzjoni li rċevejna. L-iskemi l-iktar popolar baqgħu Skema R (sussidju fuq il-kera għal min jikri mill-privat) u Skema GFR (sussidju fuq l-irranġar u/jew tkomplija tal-ewwel residenza): 777 applikazzjonijiet ġew sottomessi taħt dawn iż-żewġ skemi. In-numru ta' benefiċjarji li rċevew sussidju taħt Skema R laħaq l-1,302 li hu ekwivalenti għal kważi €1m f'sussidju.

Kif stqarrejna fir-rapport annwali tas-sena l-oħra, l-Awtorità qed taħdem sabiex tara l-aħjar possibilitajiet biex taħdem mas-settur privat għal skopijiet ta' housing soċjali. Il-pjanijiet tal-Awtorità issa qegħdin fi stat avvanzat u nistennija li jibdew jiġu implimentati matul l-2010.

Komplejna naħdmu b'mod attiv bil-proċess ta' direkwiżizzjoni ta' proprjeta' biex tingħata lura lis-sidien tagħhom. Matul l-2009 l-Awtorità naqset in-numru ta' postijiet li għadhom rekwiżizzjonati minn 886 għal 398 post; dan in-numru nistenni li jibqa' nieżel fix-xhur li ġejjin.

### (iii) Riorganizzazzjoni Strutturali

Matul l-aħħar xhur l-Awtorità kompliet bil-proċess ta' riorganizzazzjoni bil-għan li nsaħħu l-operat bejn is-sezzjonijiet varji. Dan sar biex insaħħu l-effiċjenza fl-amministrazzjoni u ntejbu l-kwalità tas-servizz. Permezz ta' din ir-riorganizzazzjoni l-Awtorità qed timmira li tibni struttura tal-organizzazzjoni li tirrifletti aħjar is-servizzi u l-inizjattivi li toffri.

Is-sezzjoni tal *Customer Care* ukoll ġiet riorganizzata permezz tal-installazzjoni tas-sistema ta' *direct dialling*. Il-pubbliku issa jista' jikkuntatja direttament lid-dipartiment konċernat jew lil persuna li qed tmexxi l-applikazzjoni, u għalhekk jitnaqqas il-ħin ta' stennija u nizguraw servizz aħjar u iktar effettiv għall-pubbliku.

L-Awtorità tad-Djar waqqfet is-sezzjoni tas-*Social Housing* li tipprovdi servizzi li kienu jiġu provduti qabel mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali fuq proprjeta' tal-Gvern.

Barra minn dan, matul is-sena l-Awtorità rrevediet l-iskemi tagħha bil-għan li tevalwa l-mod kif dawn jinħadmu u kif tista' ssaħħaħ il-proċeduri biex jiġu aktar effiċjenti. Dawn l-iskemi ġew addattati biex jirriflettu l-bidliet li ġabet magħha l-liġi tal-Kera l-ġdida.

Il-Bord tal-Awtorità qed jaħdem b'mod sħiħ sabiex jesplora possibilitajiet innovattivi biex inżidu l-istock ta' proprjeta' tal-Awtorita biex nkunu nistgħu nilħqu id-domanda. Il-Bord ser jibqa' joffri skemi varji biex ngħinu lil persuni vulnerabbli fis-soċjeta' tagħna. Dawn huma il-miri u l-isfidi tal-Bord għas-snin li ġejjin.

F'isem il-Bord nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-impjegati kollha tal-Awtorità tad-Djar għal-kontribut siewi li huma jagħtu u lill-familji tagħhom tas-sapport li jtuhom.



**Mr. Charles Borg** F.C.I.B. *M.A. (Fin.Services), B.A. (Hons) Banking & Finance*
*Chairman*

*26 ta' Mejju 2010*

# L-Isfidi tal-Awtorità

Is-sena 2009 kienet sena mimlija sfidi. Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet ir-riorganizzazzjoni fl-istruttura tagħha bil-għan li ssaħħaħ il-mod kif ix-xogħol jiġi mqassam bejn is-sezzjonijiet varji sabiex titjieb l-effiċjenza fl-amministrazzjoni u ngħollu l-kwalità tas-servizz.

Din ir-riorganizzazzjoni ġabet magħha tibdil fil-pożizzjonijiet ta' numru ta' impjegati fl-Awtorità u tibdiliet fis-sezzjonijiet. Filwaqt li qabel is-sezzjonijiet kienu maqsuma skont l-iskemi issa huma maqsuma skont il-proċess. Is-sezzjoni tal-iskemi tieħu ħsieb il-proċessar tal-applikazzjoni filwaqt li s-sezzjoni tal-Verifika ġiet imwaqqfa sabiex tieħu ħsieb tivverifika il-pagamenti qabel joħorġu l-flus. Is-sezzjoni teknika tieħu ħsieb l-ispezzjonijiet kollha tal-istess skemi.

Is-sezzjoni tal-*Customer Care* ukoll rat tibdil matul din is-sena. Qabel l-Awtorità kienet tibbaża fuq sistema tat-telefon ċentralizzata fis-sezzjoni tal-*Customer Care* iżda din ma baqgħetx sostenibbli. Huwa għalhekk li l-Awtorità installat is-sistema ta' *Direct Dialling* fejn il-pubbliku jista' jċempel dirett lis-sezzjoni jew lil persuna nkarigata. Dan it-tibdil sar sabiex innaqqsu d-dewmien tan-nies fuq it-telefon u biex insaħħu is-servizz tagħna.

L-Awtorità kompliet taħdem sabiex in-nies li ġew trasferiti mal-Awtorità wara l-amalgamazzjoni tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali jintegraw iktar fl-istruttura u l-operat tal-Awtorità. Is-sezzjoni *Social Housing* ġiet imwaqqfa biex tintegra s-servizzi li kien joffri d-Dipartiment flimkien mal-funzjonijiet tal-Awtorità tad-Djar fejn jidħlu postijiet tal-Gvern. Din is-sezzjoni taħdem b'mod qawwi mad-Dipartiment tal-Artijiet għaliex huwa xi kultant impossibli li tifred il-funzjonijiet ta' dan id-Dipartiment u s-sezzjoni. Għaldaqstant huwa tajjeb li nfakkru li filwaqt li l-Awtorità tamministra l-postijiet tal-Gvern, is-sid legali għal maġġoranza tal-postijiet jibqa' d-Dipartiment tal-Artijiet u għalhekk l-Awtorità ħafna drabi ma tkunx tista' taqdi lil klijenti b'mod sħiħ għaliex il-klijent innifsu jrid jirrikorri għand id-Dipartiment għal iktar informazzjoni u deċiżjonijiet.

Ta' min jgħid li l-isfidi mhumiex dejjem faċli biex wieħed jilħaqhom. L-ikbar sfida matul is-sena 2009 involviet is-sezzjoni teknika tal-Awtorità. Il-proċess tal-amalgamazzjoni tad-Dipartiment ta' Tiswija u Manutenzjoni tad-Djar mal-Awtorità tad-Djar kien wieħed kumpless u bla ebda dubju ġab miegħu numru ta' sfidi. Numru żgħir ta' impjegati fi ħdan id-Dipartiment ġew trasferiti mal-Awtorità tad-Djar filwaqt li l-maġġoranza tal-periti u n-nies tekniċi ġew trasferiti ġo dipartimenti tal-Gvern. Għalhekk l-ikbar sfida hija l-mod kif l-Awtorità trid tkompli toffri s-servizzi li kien joffri qabel id-Dipartiment iżda b'numru iżgħar ta' riżorsi umani disponibbli.

Sabiex jittaffew ċertu piżijiet, l-Awtorità rrevidiet xi servizzi li kien joffri d-Dipartiment ta' Tiswija u Manutenzjoni tad-Djar sabiex tagħtihom struttura u jkunu jistgħu jiġu amministrati b'mod aħjar. Fejn jidħlu xogħlijiet relatati ma' tiswijiet strutturali fil-bini tal-Gvern, l-Awtorità varat Skema SM. Din l-iskema tirrifletti wkoll xi tibdiliet imsemmija fil-liġi tal-Kera l-ġdida. Barra minn hekk l-Awtorità ħadet taħt ir-responsabilità tagħha l-proġetti ta' kostruzzjoni u t-talbiet pendenti għall-irranġar u tiswija fil-bini u partijiet komuni u x-xogħlijiet relatati ma' dawn it-talbiet. Il-periti u t-tekniċi tal-Awtorità qed jaħdmu sabiex jinkorporaw dawn ix-xogħlijiet fil-programmi eżistenti ta' bini u tiswijiet tal-istess Awtorità biex jiżguraw li x-xogħol jitlesta skont il-pjanijiet fejn hu possibli. Il-proċess ta' tranżizzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet u proġetti pendenti jieħu ż-żmien u mistenni jkompli fix-xhur li ġejjin sabiex l-Awtorità ttaffi mill-piż li għandha.

# Ġabra fil-Qosor

Matul is-sena 2009 mat-12.000 persuna żaru l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar filwaqt li saru iktar minn 1.500 talba permezz tal-internet fuq l-iskemi tal-Awtorità tad-Djar. Dan juri biċ-ċar li l-iskemi tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu jattiraw l-interess ta' ħafna.

Permezz tal-iskemi ta' *Home Ownership* l-Awtorità toffri skemi u inizzjattivi biex tgħin lil dawk in-nies li jixtiequ jsiru sidien ta' djarhom. Dawn l-iskemi joffru għajnuna fejn jidħol xiri ta' proprjeta' mingħand l-Awtorità tad-Djar jew mil-privat; l-iskemi joffru għotja għall-irranġar u/jew tkomplija tal-ewwel residenza u assistenza oħra immirati għall-ewwel xerrejja. L-Awtorità toffri wkoll skema fejn tagħti għotja sa massimu ta' 30% tal-pagamenti annwali tas-self ta' proprjeta' għal perijodu ta' għaxar snin.

F'Novembru 2008, l-Awtorità ħarġet numru ta' appartamenti għall-bejgħ u bdiet tirċievi l-applikazzjonijiet minn dawk li kienu nteressati jixtru post mingħand l-Awtorita f'Jannar 2009. Taħt din l-iskema, 117 minn 129 applikazzjoni li daħlu kienu validi filwaqt li 105 minnhom ġew approvati. Bejn Jannar u Diċembru 2009, kienu ffirmati 152 kuntratti ta' bejgħ u 6 konvenji fuq proprjeta' għal xiri ta' postijiet mikrija minn inkwilini.

Waħda mill-iskemi l-iktar popolari speċjalment mal-koppji żgħażagħ hija dik relatata **mal-irranġar u/jew tkomplija tal-ewwel residenza**. Matul it-tnax-il xahar li għaddew, l-Awtorità rċeviet 343 applikazzjoni ġdida u 417 bbenefikaw minn għotja bi spiża ta' € 989,022. L-Awtorità għandha skema oħra dik tas-**Sussidju fuq ir-rata tal-imgħax** li kienet varata f'Novembru 2007 u għada offruta sal-lum. L-għan ta' din l-iskema hu li tgħin lill-ewwel xerrejja meta' jixtru post mill-privat. Għaldaqstant, minħabba li r-rata tal-interessi tal-bank matul is-sena 2009 kienet inqas mir-rata ta' 3.75% fis-sena, ma nħareġ l-ebda pagament taħt din l-iskemi; l-interess kien wieħed minimu bi tliet applikazzjonijiet ġodda.

Barra minn dan, l-iskema l-iktar popolari tibqa' dik fejn jingħata s-**sussidju fuq il-Kera** lil min jikri mill-privat. L-Awtorità rċeviet 434 applikazzjoni ġdida matul l-2009 u n-numru ta' benefiċjarji li gawdew minn sussidju laħaq l-1,302. Għalhekk l-ammont ta' sussidju fuq il-kera annwali kien ta' € 904,409.

L-Awtorità tad-Djar tipprovdi akkomodazzjoni alternattiva lil dawk l-applikanti li huma eliġibbli. Matul l-2009, rċevejna 315 applikazzjoni ġdida għal akkomodazzjoni alternattiva u għalhekk it-total ta' applikazzonijiet pendenti tela' għal 2,823 sal-aħħar tas-sena.

Matul din is-sena l-Awtorità rrevediet l-**iskemi ta' rranġar u titjib**. Dawn l-iskemi huma mmirati biex jiffinanzjaw rranġar u titjib f'postijiet li huma ta' livell ta' kwalità baxxa, li għandhom problemi strutturali kif ukoll biex jgħinu lil persuni b'diżabilità fejn dawn jingħataw għajnuna finanzjarja biex jadattaw ir-residenza skont il-bżonnijiet tagħhom. F'Mejju 2009, l-iskemi l-antiki ngħalqu u f'Awwissu 2009 l-Awtorità varat tliet skemi ġodda **(Skema SM, I , L)** filwaqt li żewġ skemi oħra **(Skemi A, E)** ġew varati f'Ottubru 2009. Bejn Jannar u Mejju 2009, l-Awtorità rċeviet 118 applikazzjoni taħt l-iskemi l-qodma u bejn Awwissu u Diċembru 2009 l-Awtorità rċeviet 135 applikazzjonijiet oħra din id-darba taħt l-iskemi l-ġodda. B'kollox 430 persuna bbenefikaw minn għotja taħt dawn l-iskemi bi spiża li tammonta għal € 1,222,195. L-iktar xogħlijiet mitluba jikkonsistu f'xogħlijiet fil-kamra tal-banju, xogħlijiet strutturali, *walk-in-showers* għal persuni b'diżabilità u *stair lift*.

L-Awtorità kompliet bil-proċess ta' direkwiżizzjoni ta' proprjetà. Matul dawn it-tnax-il xahar 475 appartament ġie direkwiżizzjonat u baqa' biss 398 post li għadu rekwiżizzjonat.

L-Awtorità kompliet bil-ħidma tagħha ma' organizzazzjonijiet non-governattivi li jipprovdu servizzi relatati ma' housing. Bejn Jannar u Diċembru 2009, l-Awtorità provdiet assistenza li tammonta għal € 129,462 f'kiri ta' proprjetajiet, għotjiet għal xogħlijiet ta' rranġar u titjib, salarji f'każijiet eċċezzjonali u assistenza biex jiġi nstallat lift.

Matul dawn it-tnax-il xahar l-Awtorità kompliet timxi mal-missjoni tagħha li tiżgura djar xierqa u ambjent aħjar fejn jrabbu t-tfal tagħna. Total ta' 90 appartament, 12-il maisonette u 91 garaxx tlestew fi stat *semi-finished* bi spiża li tammonta għal € 4,227,850. Dawn il-postijiet jinkludu miżuri li jiffrankaw l-enerġija bħal *double glazing, insulation* fuq il-bejt u *solar films*. Barra minn hekk, ix-xogħol fuq proġetti oħra f' 7 lokalitajiet għaddej liema proġetti jikkonsistu f' 145 appartament u 234 garaxx. Il-maġġor parti ta' dawn il-proġetti mistennija jkunu lesti fl-2010.

L-Awtorità kompliet taħdem fuq il-proġetti ta' *urban renewal* fl-Imsida u Bormla. Dawn il-proġetti jirrikjedu ppjanar sostanzjali minħabba li dawn jinvolvu riakkomodazzjoni ta' familji li jgħixu f'dawn il-postijiet qabel ma jkun jista' jibda t-twaqqiegħ tal-binja l-antika.

L-Awtorità kompliet tħaddan il-politika ta' aċċessibilità permezz tal-installazzjoni ta' lifts fi blokki eżistenti tal-Gvern u fi blokki ġodda. Matul din is-sena ġew installati 11-il lift ġdid u nħarġu 5 *tenders* biex jiġu nstallati 7 lifts oħra.

Ir-riċerka hija importanti fl-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda. Matul is-sena li għaddiet saret analiżi fuq l-iskemi varji bil-għan li tevalwa l-mod kif dawn jinħadmu. Dawn l-iskemi ġew addattati biex jirriflettu l-bidliet li ġabet magħha l-Liġi tal-Kera l-ġdida.

6 Sar ukoll rapport fuq *sheltered housing* li huwa kunċett kemmxejn ġdid għal Malta. Din l-analiżi bbażata fuq studji preċedenti u statistika ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika saret biex naraw id-domanda għal *sheltered housing* minn anzjani bi dħul baxx.

Fil-kuntest tal-istrateġija tal-Gvern biex jiżdied l-investiment f'sorsi ta' enerġija alternattiva, l-Awtorità tad-Djar tkompli tinvesti iktar f'miżuri li jiffrankaw l-enerġija fil-bini. Il-proġett ERDF 102- *Energy Smart Authority* – jinvolvi l-installazzjoni ta' sistema ta' pannelli fotovoltaiċi u miżuri li jiffrankaw l-enerġija fl-uffiċini tal-Awtorità. Dan il-proġett hu ko-finanzjat mill-fondi ERDF 2007-2013 b'rata ta' kofinanzjament ta' 85% u 15% mill-fondi nazzjonali.

L-Awtorità flimkien mal-Ministeru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni qed taħdem biex timplimenta l-proġett ta' riġenerazzjoni urbana fil-Port il-Kbir (ERDF 104 – *Stronger Cottonera Communities – The Citizens right to accessibility and mobility*). Permezz ta' dan il-proġett l-Awtorità ser ssebbaħ il-partijiet komuni ta' żewġ oqsma ta' housing f'Bormla, Kwartieri San Nikola u l-Kumpless ta' Verdala.

L-Awtorità qiegħda wkoll tikkolabora mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Impjieg u l-Familja fl-implimentazzjoni tal-proġett E41-*Embark for Life* li hu kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew. Ir-rwol tal-Awtorità hi li tassisti lill-Fondazzjoni fil-proġett fejn żgħażagħ vulnerabbli li jibbenefikaw minn għajnuna biex isibu impjieg u taħriġ permezz tal-proġett ikunu jistgħu jsibu post addattat biex jibdew jgħixu ħajja indipendenti 'l bogħod mill-istituzzjoni li kienu jgħixu fiha. Bħala kontribuzzjoni fil-proġett l-Awtorità tat lill-Fondazzjoni proprjetà fl-Imsida biex tintuża bħala ċentru għaż-żgħażagħ fejn dawn l-istess żgħażagħ jistgħu jiksbu informazzjoni fuq il-proġett u jingħataw taħriġ li jiġi offrut mill-istess proġett.

# Komunikazzjoni mal-Pubbliku

Matul is-sena 2009 l-Awtorità tad-Djar laqgħet medja ta' 1,000 persuna fix-xahar. Il-maġġoranza ta' dawn il-persuni żaru l-uffiċini tal-Awtorità biex jiksbu informazzjoni ġenerali fuq *housing* jew biex jibbenefikaw mill-iskemi li l-Awtorità toffri bl-iktar skemi popolari jibqgħu skema R fejn jingħata sussidju fuq il-kera u l-iskema GFR fejn tingħata għajnuna lill-ewwel xerrejja biex jirranġaw il-post tagħhom. Kien hemm ukoll numru sostanzjali ta' nies li talbu informazzjoni sabiex japplikaw għal post tal-Gvern.

L-użu tal-internet sar ukoll mezz importanti li permezz tiegħu l-pubbliku jikkomunika mal-Awtorità. Madwar 1,500 persuna avviċinat lill-Awtorità tad-Djar permezz tal-indirizz elettroniku. Is-sit elettroniku tal-Awtorità tad-Djar huwa punt ta' riferiment għal pubbliku speċjalment studenti li jkollhom bżonn informazzjoni ġenerali fuq l-Awtorità tad-Djar u l-iskemi li toffri. In-numru ta' viżitaturi matul is-sena 2009 laħaq it-12,000 viżitatur.




*Tabella 1 – Numru ta' viżitaturi fuq is-sit elettroniku għas-sena 2009*

Is-sit jiġi aġġornat kontinwament biex jirrifletti l-aħħar informazzjoni fuq l-iskemi, avviżi li toħroġ l-Awtorità u *tenders*. Is-sit ġie aġġornat sabiex l-kundizzjonijiet u l-applikazzjoni għall-iskemi l-ġodda li varat l-Awtorità matul din is-sena jkunu aċċessibli għall-pubbliku.

It-telefon jibqa' wieħed mill-iktar mezzi użati mill-pubbliku li jirrikorri għand l-Awtorità għal informazzjoni relatata ma' applikazzjonijiet u skemi. L-Awtorità bidlet is-sistema telefon bil-għan li tiżdied l-effiċjenza u tagħti servizz aħjar. Minflok sistema ċentralizzata fejn it-telefonati kollha jmorru għand is-sezzjoni tal-*Customer Care*, l-Awtorità installat sistema ġdida ta' *Direct Dialling*. B'din is-sistema l-pubbliku jista' jċempel b'mod dirett lis-sezzjoni jew il-persuna nkarigata mill-applikazzjoni jew il-fażi tal-proċess tal-istess applikazzjoni.

# Skemi u Inizjattivi

*L-Awtorità tħaddan skemi ta' homeownership fejn tgħin lill-ewwel xerreja li jixtru l-ewwel residenza tagħhom mill-privat; skemi ta' tranġar u titjib immobbli għal inkwilini f'postijiet tal-Gvern jew tal-Privat u sidien ta' djarhom liema skemi ġew riveduti matul din is-sena; u skemi relatati mas-sussidju fuq il-kera u postijiet tal-Gvern. L-Awtorità toffri wkoll inizjattivi biex tgħin lil organizazzjonijiet non-governattivi skont is-servizzi li joffru.*

## Skemi ta' *Home Ownership*

L-Awtorità tad-Djar toffri skemi u inizjattivi biex tgħin lil dawk iż-żgħażagħ u familji li jixtiequ jsiru sidien ta' djarhom. L-għan tal-iskemi hu li tassisti lill-ewwel xerreja fix-xiri tal-ewwel proprjetà biex ittaffilhom mill-ispejjeż fil-bidu tal-ħajja tagħhom.

### Avviżi ta' Bejgħ

Fit-28 ta' Novembru 2008, l-Awtorità tad-Djar ħarġet numru ta' postijiet għall-bejgħ taħt Avviż Legali 71. L-Awtorità bdiet tilqa' l-applikazzjonijiet minn Jannar 2009. L-Awtorità irċeviet 129 applikazzjoni u minnhom kien hemm 117 applikazzjoni valida. Uffiċjali tekniċi tal-Awtorità għamlu 47 inspezzjoni ġewwa postijiet fejn jgħixu l-applikanti sabiex dawn ikunu jistgħu jingħataw il-punti skont id-daqs u l-kundizzjoni tal-post skont il-kategorija.

105 applikazzjoni ġiet riferuta għall-allokazzjoni ta' post u 36 minnhom ġew attwalment allokati post taħt dan l-avviż. Madwar 21 applikazzjoni ma ġewx allokati post għaliex l-għażla tagħhom ġiet meħuda minn applikanti b'aktar punti filwaqt li kien hemm numru sostanzjali li rrifjutaw l-allokazzjoni għal raġunijiet varji fosthom tibdil fl-impjieg, problemi finanzjarji jew għaliex xtraw post ieħor mill-privat.

Bejn Jannar u Diċembru 2009 saru 132 kuntratti ta' bejgħ u 33 konvenju fuq xiri ta' Proprjetà mill-Awtorità tad-Djar. Saru wkoll 9 kuntratti ta' bejgħ u 6 konvenji ta' xiri ta' proprjetà mikrija mill-Gvern lill-inkwilini.

## Għotja biex tgħin lis-sidien fl-irranġar u/jew tkomplija tal-ewwel residenza

Waħda mill-iktar skemi popolari tal-Awtorità hija l-iskema fejn l-ewwel xerreja jingħataw għotja finanzjarji għall-irranġar u/jew tkomplija tal-ewwel residenza tagħhom. Din l-iskema hija popolari ħafna mal-koppji żgħażagħ. Matul dawn it-tnax-il xahar li għaddew l-Awtorità rċeviet 343 applikazzjoni ġdida.



*Xogħlijiet ta' finishings tal-ewwel residenza*

Meta nagħtu ħarsa lejn in-numru ta' applikazzjonijiet f'dawn l-aħħar 5 snin kemm ilha miftuħa l-iskema naraw li n-numru hu kostanti b'medja ta' 340 applikazzjoni fis-sena.




*Tabella 2 – Applikazzjonijiet bejn is-sena 2005 u 2009*

Matul din is-sena kien hemm mal-417[1] benefiċjarju li rċieva għotja bis-somma total ta' € 989.021.99. Matul il-proċess tal-applikazzjoni l-uffiċjali tekniċi tal-Awtorità jagħmlu spezzjoni fil-postijiet sabiex jikkonfermaw li x-xogħol li għalih ser tingħata l-għotja sar verament; matul din is-sena saru 394 inspezzjoni ta' dan it-tip.





*Xogħlijiet ta' tkomplija tal-ewwel residenza*

## Għotja fuq il-pagament tas-Self mill-Bank

Permezz ta' din l-iskema l-Awtorità tad-Djar tagħti għotja sa massimu ta' 30% tal-pagamenti annwali tas-self, għal perijodu tal-ewwel 10 snin, liema għotja ma taqbiżx l- € 850 fis-sena lil dawk li xtraw l-ewwel residenza tagħhom wara l-1 ta' Ottubru 2008. L-assistenza tvarja skont il-kategorija u l-valur tal-proprjetà li fuqha qed tintalab l-assistenza. L-Awtorità bdiet tilqa' l-applikazzjonijiet fl-1 ta' Diċembru 2008; minn Jannar sa Diċembru 2009 l-Awtorità rċeviet 25 applikazzjoni u ġew approvati 17. L-ammont ta' sussidju li tħallas matul dan il-perjodu jammonta għal €1,169.50.

Matul is-sena 2009, saru 37 kuntratt taħt din l-iskema u l-iskema ta' qabilha li kienet ukoll immirata għal dawk l-applikanti li jixtru dar mill-privat.

[1] Dan l-ammont jkopri applikazzjonijiet ta' qabel din is-sena

## Skema ta' Sussidju fuq ir-rata tal-imghax

L-iskema ta' sussidju fuq ir-rata tal-imghax li giet varata f'Novembru 2007 sabiex tghin lill-ewwel xerreja jtaffu mill-piż fuq ix-xiri tal-ewwel dar taghhom baqghet miftuha. Ghaldaqstant wiehed irid jikkunsidra li peress li r-rati tal-interessi kienu nqas mir-rata ta' 3.75% matul is-sena 2009, ma sar l-ebda pagament taht din l-iskema u l-interess matul dan il-perjodu kien wiehed minimu bi tliet applikazzjonijiet godda.

Barra minn din l-iskema, l-Awtorità tahdem l-iskemi l-antiki fejn kien jinghata sussidju fuq l-interessi ghax-xiri ta' djar jew irrangar tad-djar. Perjodikament issir ir-revizjoni tal-ammont ta' sussidju li jinghata lil dawn l-individwi fuq ir-rata ta' self mill-bank. L-ammont ta' sussidju li nghata matul it-tnax-il xahar li ghaddew jammonta ghal € 86,773.81.

## Inizjattivi Ohra

Matul din l-ahhar sena saru 79-il kuntratt ta' bejgh ta' proprjetà bejn terzi persuni li jinvolvu kanċellament u kostituzzjoni ta' ipoteki u rifużjoni ta' sussidji. Gew ukoll iffirmati 146 kuntratti ta' fidi ta' ċens perpetwu filwaqt li l-Awtorità dahlet is-somma ta' € 332,379.84 f'fidi ta' ċnus. Saru wkoll 56 kuntratti ta' bejgh ta' garaxxijiet kummerċjali li tbiegh l-Awtorità.

## Skema R – Sussidju fuq il-Kera

L-aktar skema mfittxija fi hdan l-Awtorità tibqa' dejjem dik fejn jinghata sussidju fuq il-kera lil inkwilini li jikru mill-privat. L-Awtorità rċeviet 434 applikazzjoni gdida fit-tnax-il xahar li ghaddew taht din l-iskema filwaqt li n-numru ta' benefiċjarji tela' ghal 1,302[2] bis-somma ta' sussidju moghti tilhaq € 901,408.91. Saru 477 inspezzjoni fuq applikazzjonijiet relatati ma' din l-iskema fejn l-uffiċjali tekniċi tal-Awtorità jivverifikaw li d-daqs u l-kundizzjoni tal-post huma adekwati u li l-applikanti jghixu fil-post msemmi fl-applikazzjoni. Matul dan il-perijodu l-Awtorità ffirmat 277 konvenju taht din l-iskema. Il-kera

medja mhallsa mill-applikanti hija ta' madwar € 1,846.01 kif muri fit-tabella hawn taht.

| Kera Mhallsa fis-sena | Numru ta' benefiċjarji |
|---|---|
| € 0 – € 1,200 | 488 |
| € 1,201 – € 2,400 | 384 |
| € 2,401 – € 3,600 | 335 |
| € 3,601 – € 4,800 | 85 |
| € 4,801 – € 6,000 | 9 |
| Il fuq minn € 6,000 | 3 |
| **Total** | **1,302** |

*Tabella 3 – Kera mhallsa mill-benefiċċjarji taht Skema R*

Din l-iskema tattira l-aktar lil persuni separati li jammontaw ghal 32 fil-mija tal-benefiċjarji li bbenefikaw matul is-sena 2009. 20 fil-mija tal-benefiċjarji huma miżżewġin fil-waqt li 17 fil-mija huma persuni wahedhom. 13 fil-mija tal-benefiċċjarji li hadu sussidju fuq il-kera fis-sena 2009 huma ġenituri wahdehom kif muri f'tabella 4.

Kien hemm total ta' 968 il-tifel u tifla li gawdew flimkien mal-familji taghhom minn sussidju fuq il-kera matul dawn l-ahhar tnax-il xahar. Il-maġġoranza tal-familji li bbenefikaw ghandhom minn wiehed sa żewġt itfal. Kien hemm familja wahda li ghandhom sitt itfal u tliet familja b'hamest itfal.

[2] Dan l-ammont jkopri applikazzjonijiet ta' qabel din is-sena peress li taht din l-iskema tista tibqa' tibbenefika sa hames snin. Wara l-gheluq ta' hames snin l-applikanti jintalbu jissottomettu applikazzjoni ohra.




Tabella 4 – *Stat tal-benefiċjarji li ħadu sussidju fuq il-kera*

Nħarsu lejn dawk il-lokalitajiet fejn jgħixu l-benefiċjarji tas-sussidju fuq il-kera u għalhekk minn fejn l-iktar qed jinkrew il-postijiet insibu li San Pawl il-Baħar huwa l-iktar lokalità prominenti kif muri fuq il-mappa.



*Il-lokalitajiet l-iktar popolari fejn jgħixu l-benefiċjarji taħt Skema R*

## Skemi ta' Irranġar u titjib u għajnuna lil persuni b'diżabilità

Matul is-sena 2009 l-Awtorità rrevediet l-iskemi ta' rranġar u titjib ta' postijiet li huma ta' livell *substandard* jew li jkollhom xi forma ta' perikolu. F'Mejju l-iskemi l-qodma ġew magħluqa u f'Awwissu ġew varati tliet skemi ġodda (Skemi SM. I. L) filwaqt li t-tnejn l-oħra (Skemi A. E) ġew varati f'Ottubru 2009.

| Skemi Qodma (sa Mejju 2009) | Skemi Godda A.SM.I.L.E |
|---|---|
| Skema Z - Irranġar u titjib ġewwa postijiet okkupati minn sidien | **Skema A** - Sussidju Fuq Xogħlijiet Ta Irranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien u f'residenzi mikrija lill-Inkwilini |
| Skema W - Irranġar u titjib ġewwa postijiet mikrija mill-Gvern | **Skema SM** - Sussidju Fuq Xogħlijiet Ta' Strutturi Perikolużi li Djar Proprjetà tal-Gvern okkupati minn Inkwilini |
| Skema 5 - Irranġar u titjib ġewwa postijiet mikrija mill-privat | **Skema I** - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' rranġar fi djar privati u proprjetà tal-Gvern li huma okkupati minn inkwilini jew ċenswalisti |
| Skema 7 - Għajnuna għall-Persuna B'diżabilità | **Skema L** - Għajnuna Finanzjarja għal Persuni b Diżabilità Għall-Xogħlijiet Ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom |
| Skema V – Installazzjoni ta' Lifts fi Blokki/ Entraturi tal-Gvern | **Skema E** - Skema ta' Installazzjoni ta' Lifts fi Blokki/Entraturi Residenzjali li huma Proprjetà tal-Gvern |

*Tabella 5 – L-iskemi l-godda li hadu post l-iskemi l-qodma li twaqqfu matul is-sena 2009*

Minn Jannar sa Mejju 2009, l-Awtorità rċeviet 118 applikazzjoni taħt l-iskemi l-qodma u ġew approvati 272 applikazzjoni. Minn Awwissu 2009 sa Diċembru 2009 l-Awtorità rċeviet 135 applikazzjoni taħt l-iskemi l-godda. B'kollox 430[3] persuna bbenefikaw minn għotja bi spiża li tammonta għal € 1,222,195.05 matul is-sena 2009. L-Awtorità tad-Djar iffirmat 144 konvenju taħt dawn l-iskemi u saru 69-il kuntratt ta' ipoteki fuq l-istess skemi. L-ispiża taħt Skema V fejn ġew installati u bdew jitħaddmu 6 lifts, kienet ta' € 243,052.42.

| Skema | Numru ta' Benefiċjarji | Pagamenti |
|---|---|---|
| Skema 5 | 152 | € 477,291.11 |
| Skema W | 93 | € 206,252.29 |
| Skema Z | 89 | € 252,177.87 |
| Skema 7 | 96 | € 286,173.78 |
| **Total** | **430** | **€ 1,222,195.05** |
| Skema V | 6 lifts | € 243,052.42 |
| **Total** | | **€ 1,465,247.47** |

*Tabella 6 – Benefiċjarji u pagamenti relatati mal-iskemi tal-Awtorità*

L-Awtorità tagħmel eżerċizzju sabiex tivverifika li l-obbligu rigward l-okkupanza tal-post kif miftiehem fil-kuntratt qed jinżamm. Fl-aħħar sitt xhur tas-sena 2009 l-Awtorità għamlet mad-946 verifika ta' dan it-tip relatati mal-iskemi ta' rranġar u titjib.

L-uffiċjali tekniċi u l-periti tal-Awtorità tad-Djar iżuru l-postijiet tal-applikanti sabiex joħorġu l-istimi tax-xogħlijiet applikabbli taħt l-iskemi u sabiex jivverifikaw li x-xogħol ikun sar skont kif miftiehem. Minn Jannar sa Diċembru 2009 saru 262 inspezzjoni biex jinħarġu stimi ta' xogħlijiet approvati filwaqt li saru

[3] Dan l-ammont jkopri applikazzjonijiet ta' qabel din is-sena

304 spezzjoni biex jiġi vverifikat ix-xogħol li hu lest sabiex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jingħataw l-għotja applikabbli. Ix-xogħlijiet l-iktar popolari li għalihom ibbenefikaw minn għotja minn Jannar sa Mejju 2009 taħt l-iskemi ta' tranġar u titjib 5, Z u W huma kamra tal-banju u xogħlijiet ta' struttura inkluż il-bini ta' kmamar addizzjonali jew struttura perikoluża kif muri hawn taħt.




*Tabella 7 – Xogħlijiet mitluba taħt Skema 5, Z u W*

Taħt Skema Z l-aktar xogħlijiet meħtieġa huma l-installazzjoni ta' kamra tal-banju jew *walk-in shower* adattata għal persuni b'diżabilità u *stair lifts*.



*Kamra tal-Banju u Walk-in shower*



Meta nħarsu lejn il-lokalitajiet minn fejn ġew l-applikazzjonijiet tal-iskemi msemmija iktar 'il quddiem naraw li l-akbar numru ta' talbiet daħlu miż-żona tal-Port il-Kbir kif muri f'tabella 8.

**Żona tal-Port il-Kbir:** Birgu, Bormla, Fgura, Floriana, Isla, Kalkara, Luqa, Marsa, Paola, Santa Luċija, Tarxien, Valletta, Xgħajra, Żabbar

**Tramuntana tal-Port il-Kbir:** Birkirkara, Gżira, Ħamrun, Msida, Pembroke, Pietà, Qormi, San Ġiljan, San Ġwann, Santa Venera, Sliema, Swieqi, Ta' Xbiex, Kappara, G'Mangia, Mrieħel

**Xlokk ta' Malta:** Birżebbuġa, Għaxaq, Gudja, Kirkop, Marsaskala, Marsaxlokk, Mqabba, Qrendi, Safi, Żejtun, Żurrieq

**Punent:** Attard, Balzan, Dingli, Iklin, Lija, Mdina, Mtarfa, Rabat, Siġġiewi, Żebbuġ, Baħrija

**Tramuntana:** Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar, San Pawl il-Baħar, Buġibba, Qawra, Żebbiegħ, Salina

**Għawdex:** Fontana, Għajnsielem, Għarb, Għasri, Kerċem, Munxar, Nadur, Qala, Rabat, San Lawrenz, Sannat, Xagħra, Xewkija, Żebbuġ




*Tabella 8 – Lokalitajiet minn fejn ġew l-Applikazzjonijiet*

Barra minn dawn l-iskemi ta' rranġar u titjib, l-Awtorità' laqgħet ukoll każijiet speċifiċi fejn tingħata għajnuna lil dawk in-nies li ma jkunux f'pożizzjoni li joħorġu mid-djar tagħhom u għalhekk ikun diffiċli għalihom biex jimxu mal-proċedura normali tal-iskemi. Għal dawn il-każijiet l-Awtorità toħroġ *tenders* u tieħu ħsieb ix-xogħol hi f'isem l-applikant. Matul is-sena 2009 l-Awtorità tad-Djar ħadet ħsieb xogħlijiet ta' rranġar f'16-il post f'lokalitajiet differenti fosthom fil-Kottonera, tas-Sliema, u Ħal Qormi. Minn dawn, sal-aħħar tal-2009 tlestew 14 filwaqt li x-xogħol fuq żewġ postijiet oħra kien fi stat avvanzat ta' tlestija. Matul is-sena 2009 kien hemm 68 każ li ġie riferut għal pagament bi spiża ta' € 300,290.66.



# Housing Soċjali – Postijiet tal-Gvern bil-Kera

Funzjoni importanti tal-Awtorità tad-Djar hi li tmexxi l-proċess mill-applikazzjoni sal-allokazzjoni ta' postijiet tal-Gvern bil-kera u tieħu ħsieb l-obbligi tar-residenti relatati ma' din l-allokazzjoni.

Matul is-sena daħlu 315-il applikazzjoni ġdida għal akkomodazzjoni alternattiva u sal-aħħar tas-sena l-Awtorità tad-Djar kellha 2,823 applikazzjoni pendenti fuq il-*waiting list*. Jekk inħarsu lejn ir-raġunijiet għaliex dawn l-applikanti qegħdin ifittxu post alternattiv, wieħed jinnota li l-akbar numru ta' nies japplikaw għaliex qegħdin jgħixu ma' familjari u ħbieb, għaliex qed iħallsu kera għolja u minħabba problemi ta' diżabilità jew ta' mobilità kif muri fit-tabella 9. Numru sostanzjali jaqgħu taħt il-kategorija ta' Oħrajn li tinkorpora persuni li jgħixu ġo post u ma jħallsux kera u familji li jgħixu ġo post li hu żgħir u mhux addattat għal familja tagħhom.

| Raġuni għal applikazzjoni | Numru ta' applikazzjonijiet |
|---|---|
| Periklu | 93 |
| Kwalità ta' housing baxxa | 154 |
| Nies li m'għandhomx dar | 108 |
| Problemi ta' diżabilità u mobilità | 343 |
| Kera għolja | 454 |
| Jgħixu ma' qraba u ħbieb | 912 |
| Jgħixu ġo post tal-Gvern u jixtiequ jbiddlu l-post | 252 |
| Oħrajn | 502 |
| **Total** | **2,823** |

*Tabella 9 – Raġunijiet għaliex l-applikanti jixtiequ post alternattiv tal-Gvern*

42% tal-applikanti jgħixu ġo post mikri mill-privat filwaqt li 40% jgħixu ma' xi ħadd jew jgħixu għal rashom iżda mingħajr ma jħallsu kera. Erbgħa fil-mija tal-applikanti huma nies bla dar jiġifieri m'għandhomx indirizz permanenti fejn jgħixu; dawn jinkludu wkoll żgħażagħ li joħorġu minn istituzzjoni.



*Table 10 – It-tip ta' akkomodazzjoni ta' min qed jitlob post alternattiv tal-Gvern*

Matul is-sena 2009, l-Awtorità allokat 204 appartament li minnhom 136 appartament ġie allokat lil persuni fuq il-*waiting list* għal akkomodazzjoni alternattiva. 13 allokazzjoni kienet relatata ma' tibdil ta' postijiet tal-Gvern filwaqt li 66 ġew rikonoxxuti biex jgħixu fi proprjetà tal-Gvern.

Jekk nagħtu ħarsa lejn l-applikanti li matul is-sena 2009 bbenefikaw minn allokazzjoni, naraw li ġenituri waħidhom u persuni separati jifurmaw il-maġġoranza tal-allokazzjonijiet. Seba' postijiet ġew allokati lil persuni li ħarġu minn istituzzjoni filwaqt li ħames persuni li ma kellhomx dar ġew allokati post. 15

| Stat tal-applikanti | Allokazzjonijiet |
|---|---|
| Annullament/Divorzjati | 5 |
| Miżżewġin | 29 |
| Persuni Separati | 59 |
| Persuni waħedhom | 17 |
| Ġenitur waħed | [illegible] |
| Armel/Armla | 4 |
| **Total** | **136** |

*Tabella 11 – Stat tal-applikanti għal post tal-Gvern*

L-Awtorità tagħmel xogħol ta' rinovazzjoni f'postijiet tal-Gvern li jitbattlu u għaldaqstant ikun hemm bżonn li jiġu rranġati qabel ma jiġu riallokati lill-applikanti għal akkomodazzjoni alternattiva. B'kollox saru 120 spezzjoni f'postijiet battala sabiex wara li jinħadmu l-istimi tax-xogħlijiet neċessarji biex jirrendu l-postijiet fi stat abitabbli, l-inkwilini l-ġodda jingħataw iċ-ċans li jirranġaw il-post huma stess u l-Awtorità tirrifondi l-ispejjeż. F'każijiet fejn ix-xogħol rimedjal jilħaq spiża sostanzjali jiġu preparati *tenders* sabiex

l-Awtorità tieħu ħsieb ix-xogħol permezz tal-kuntratturi mqabbda minnha stess. Matul is-sena 2009 nħarġu *tenders* għal xogħlijiet fuq 7 postijiet u tlesta x-xogħol f'4 minnhom. Matul l-istess sena l-Awtorità approvat 65 każ ġdid filwaqt li l-ispiża għal dawn ix-xogħlijiet kienet ta' € 353,882.07.

Barra minn hekk meta post ikun ġdid mibni mill-Awtorità tad-Djar u jingħata b'kera, l-Awtorità tagħti għotja sabiex l-inkwilini jkunu jistgħu jagħmlu l-kamra tal-banju skont il-gosti tagħhom. Kien hemm 33 każ approvat u tħallset is-somma ta' € 41,800.49 għal dan il-għan.



*Qabel ma sar ix-xogħol*



*Wara li sar ix-xogħol*







Meta persuni jkunu qegħdin jokkupaw fond li m'għandhomx id-dritt jew titolu li jagħmlu dan, l-Awtorità flimkien mad-Dipartiment tal-Artijiet tieħu azzjoni permezz ta' *eviction*; matul is-sena 2009 saru 21 eviction. Wara l- . dawn il-postijiet jiġu allokati lil persuni fuq il-waiting list imsemmija iktar 'il fuq.

L-Awtorità qed tippromwovi l-importanza tal-Assoċjazzjoni tar-Residenti fi blokki tal-Gvern sabiex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb il-lift u l-manutenzjoni tal-komun. Fl-2009 kien hemm 22 assoċjazzjoni ġdida, 6 fi blokki tal-kera f'Żebbuġ, Mġarr, Qawra u Tarxien, 15-il assoċjazzjoni fi blokki mibjugħin u assoċjazzjoni fi blokka fejn hemm inkwilini u sidien jgħixu flimkien f'Birkirkara. L-Awtorità rċeviet kontribuzzjonijiet relatati ma' partijiet komuni u lifts mingħand assoċjazzjonijiet tar-residenti fi blokki tal-Awtorità bis-somma li tilħaq l-€ 2,009.25.

Matul l-2009, l-Awtorità għamlet mal-116 inspezzjoni fi blokki tal-Awtorità tad-Djar u tal-Gvern. 31 minn dawn l-inspezzjonijiet kienu relatati mal-partijiet komuni ta' blokki differenti li jinkludu nspezzjonijiet ta' rutina biex niżguraw li l-partijiet komuni qed jinżammu fi stat tajjeb u nadif u biex naraw jekk hemmx min

qed iżommu annimali domestiċi jew xi affarijiet miżmuma bla permess. L-Awtorità għamlet 31 inspezzjoni f'appartamenti tal-Gvern u tal-Awtorità fosthom inspezzjonijiet b'sorpriża biex nivverifika li l-inkwilin konoxxut qiegħed jgħix fil-post, biex niddiskutu ħlas ta' kera b'lura, biex naraw jekk hemmx xogħlijiet ta' struttura llegali u biex nivverifikaw li x-xogħol ta' rranġar ġie komplut.

L-Awtorità bdiet eżerċizzju sabiex tivverifika l-okkupanza ta' inkwilini fi blokki tal-Gvern. Sa Diċembru 2009 ġew finalizzati r-rapporti għal Bormla, Birgu, Isla u Fgura li irriżultaw f'1,212 inspezzjoni. Barra minn dawn l-inspezzjonijiet l-Awtorità għamlet mas-682 inspezzjoni oħra relatati ma' periklu fil-postijiet tal-Gvern u biex nuru l-postijiet u nagħtu ċ-ċwievet lil min jiġi allokat post bil-kera.

L-Awtorità kompliet bil-proċess ta' direkwiżizzjoni; 475 appartamenti ġew direkwiżizzjonati matul is-sena 2009; baqa biss 398 post rekwiżizzjonat.

## *Supported Housing*

Bħal kull sena, l-Awtorità offriet għajnuna lil organizzazzjonijiet non-governattivi li joffru servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' housing. Din is-sena l-Awtorità għinet lil organizzazzjonijiet li joffru *shelter* lil persuni li m'għandhomx dar jew għal xi raġuni jitilqu mid-dar tagħhom u ma jkollhomx fejn joqogħdu; lil organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' vittmi ta' vjolenza domestika; ma' persuni li ħarġu mill-ħabs u ma' tfal u nisa żgħażagħ li jinqabdu tqal u jkollhom jitilqu mid-dar tagħhom. Barra minn hekk l-Awtorità għinet ukoll lil organizzazzjonijiet li jaħdmu biex jinkoraġixxu lil persuni b'diżabilità biex jgħixu b'mod iktar indipendenti.



*Fondazzjoni Nazareth – Dar Jean Vanier*

L-Organizzazzjonijiet li bbenefikaw minn din l-assistenza huma Merħba Bik, YMCA, Dar Ġuseppa Debono f'Għawdex, Aġenzija Appoġġ, Conservatorio Vincenzo Buġeja, Mid-Dlam għad-Dawl, Aġenzija Sapport, il-Kummisjoni tal-Emigranti, YWCA, Fondazzjoni Richmond u l-isptar Monte Carmeli.

Bejn Jannar u Diċembru 2009 l-Awtorità tat għotjiet li jammontaw għal € 129,461.98 li tinkludi assistenza għal xogħlijiet ta' rranġar bi spiża li tamonta għal € 68,346.22, installazjoni ta' lift b'total ta' € 11,647, kontribuzzjoni f'salarji f'każijiet eċċezzjonali bis-somma li tilħaq € 26,270 u postijiet bil-kera liema kera hija mħallsa mill-istess Awtorità b'valur ta' € 23,198.76.




*Tabella 12 – Xogħlijiet ta' tkomplija tal-ewwel residenza*

# Żvilupp

*Parti mill-funzjonijiet tal-Awtorità tad-Djar hu li tibni postijiet għall-bejgħ u għall-kiri. Barra minn hekk l-Awtorità tmexxi proġetti ta' rinovazzjoni ta' postijiet eżistenti sabiex ittejjeb il-kwalità tal-bini.*

## Programm ta' Bini Ġdid

L-Awtorità kompliet tmexxi programm ta' bini bi proġetti ta' blokki ġodda f'diversi lokalitajiet. Bejn Jannar u Diċembru 2009, ġew ikkompletati diversi proġetti b'total ta' 90 appartamenti, 12-il maisonette u 91 garaxx bi spiża ta' € 4,227,850. Dawn il-proġetti tlestew fi stat *semi-finished* li jfisser li l-laċċata u aperturi, il-bjut u l-partijiet komuni huma lesti filwaqt li l-benefiċjarji jkollhom l-opportunità li jlestu l-appartament minn ġewwa skont il-gosti tagħhom. Dawn l-appartamenti jinkorporaw ukoll miżuri li jiffrankaw l-użu ta' l-enerġija bħal *double glazing* ta' aperturi, *insulation* tas-soqfa, persjani/*solar film* u bir f'kull blokka.

| Lokalità | Appartamenti | Maisonettes | Garaxxijiet |
|---|---|---|---|
| Floriana Triq l-Argotti | 37 | 0 | 28 |
| Kirkop Triq il-Gerus | 21 | 0 | 18 |
| Mellieħa Ta' Pennellu | 12 | 0 | 12 |
| Tarxien Tal-Qala Plot 2 | 3 | 0 | 0 |
| Tarxien Tal-Qala Plot 13 | 3 | 0 | 0 |
| Tarxien Tal-Qala Plot 17 | 4 | 0 | 4 |
| Tarxien Tal-Qala Plot 18 | 3 | 0 | 0 |
| Tarxien Tal-Qala Plot 32-37 | 6 | 12 | 24 |
| Żejtun Tad-Dolfiegħa 10 | 3 | 0 | 0 |
| Żurrieq Ta' Ċwerra 37 | 1 | 0 | 4 |
| Paola Plot 32 | 2 | 0 | 1 |
| Total | 90 | 12 | 91 |

*Tabell 15 – Proġetti li tlestew matul is-sena 2009*



*Tarxien Plot 32-37*

[1] Il-binja tlestiet iżda ix-xogħol ta' finishing għadu fi proċess ta' tender

Matul it-tnax-il xahar li għaddew, tkomplew proġetti residenzjali ġodda f'7 lokalitajiet b'total ta' 145 appartament u 234 garaxxi. Il-maġġor parti ta' dawn il-proġetti mistennija jitlestew fl-ewwel xhur tas-sena 2010.

| Lokalità | Appartamenti | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Marsascala Tal-Ġebel Abjad | 26 | 20 |
| Mellieħa Plot 11 | 3 | 2 |
| Mellieħa Plot 22 | 5 | 5 |
| Mtarfa Sister Qtrs | 42 | 52 |
| Pembroke A7-A4 | 64 | 154 |
| Żurrieq Ta' Ġiddat 9 | 3 | 1 |
| Żebbuġ Triq l-Indipendenza | 2 | [illegible] |
| **Total** | **145** | **234** |

*Tabella 14 – Xogħlijiet fil-fażi ta' kostruzzjoni*



*Mtarfa*



*Pembroke*

Matul is-sena 2009 tkompla x-xogħol ta' preparazzjoni ta' *tenders* għal bini ta' proġetti residenzjali oħra. Dawn jkopru mal-40 appartament u 2 maisonettes fil-lokalitajiet ta' San Ġwann, Paola, Marsascala, Qrendi u Żurrieq.

Apparti żvilupp ġdid, tkompla wkoll ix-xogħol fuq żewġ proġetti ta' rijabilitazzjoni li jikkonsistu fi 13-il appartament f'Tarxien u 8 appartamenti l-Belt Valletta. Dawn l-appartamenti qed jitlestew bis-servizzi u funzjonijiet kollha sabiex jiġu allokati bil-kera. Bdiet issir it-tħejjija sabiex jitlestew numru ta' appartamenti vakanti sabiex dawn jingħataw bil-kera. Fost dawn, diġà tlesta appartament li jinsab f'Binja Wejter f'B'Kara. F'Awwissu nħarġet sejħa għall-offerti għat-tlestija ta' 37 appartament fil-Furjana li bħalissa jinsabu fi stat ta' ġebel u saqaf.

Fl-aħħar ta' Ottubru ta' din is-sena, ingħalaq id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar u l-Awtorità ħadet f'idejha x-xogħol pendenti relatat ma' talbiet minn inkwilini fuq xogħlijiet ta' tiswijiet fl-istruttura u gallariji tal-injam u xogħol ieħor ta' tiswijiet fil-partijiet komuni. Matul is-sena 2009 l-Awtorità kompliet tamministra 22 *tender* li jkopru xogħol ta' tiswijiet f'177 post residenzjali tal-Gvern okkupati minn inkwilini. Sal-aħħar tas-sena 2009 tlestew ix-xogħlijiet fuq 125 post.

# Proġetti ta' *Urban Renewal*

L-Awtorità tad-Djar tħaddan il-politika tagħha madwar il-bżonn ta' riġenerazzjoni ta' bnadi f'Malta fejn hemm oqsma ta' djar li m'humiex fi stat diċenti għall-abitazzjoni. Għalhekk l-Awtorità kompliet taħdem fuq proġetti ta' *urban renewal* fl-Imsida u Bormla li jirrikjedu ppjanar sostanzjali minħabba li dawn jinvolvu riakkomodazzjoni ta' persuni u familji sħaħ qabel ma jkun jista' jibda t-twaqqiegħ tal-binja l- antika.





*Bini li ser jitwaqqa fl-Imsida*

Għaldaqstant, wara li nħarġu l-permessi għar-rikostruzzjoni ta' fażijiet 4 u 5 tal-proġett fi Triq il-Wied l-Imsida, ġie ppreparat il-*tender* biex jitwaqqa' l-bini eżistenti, li jagħmel parti mill-fażi 4 tal-proġett sħiħ ta' riġenerazzjoni f'din il-lokalità.



